**26 ta' Mejju, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**
Il-Pulizija
*versus*
Alfred Butigieg et.
**Assemblea Illegali — Prova — Art. 79(1) tal-Kap. 12.**

*Hu ħati tad-delitt ta' assemblea illegali min jieħu parti minn rewwixta ta' tlieta minn nies jew aktar miġbura flimkien, għal kull ħsieb li jkun, b'mod tali u taħt ċirkustanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies, wiri ta' armi, jew xort'oħra, li jistgħu jġibu twerwir u biża' fost is-sudditi tal-Maestà tar-Re.*

*Imma mhux kull persuna li tkun ħadet sehem f'dik il-ġemgħa hi ħatja ta' dan id-delitt; għax l-imputat seta' kien preżenti f'ha aċċidentalment. In kwantu għall-prova li hi meħtieġa biex jiġu soddisfatti r-rekwiżiti tal-liġi, ma tantx jidher li hemm xi norma preċiża dwar dagshekk; u allura l-kwistjoni tirriduċi ruħha fl-apprezzament tal-Qorti dwar jekk il-provi tal-Prosekuzzjoni jissostanzjawx l-akkuża. U jekk ikun hemm xi dubju raġjonevoli fl-istat tal-provi, dan għandu jmur favur l-imputat.*

Il-Qorti:— Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura fuq l-akkuża mill-Pulizija kontra l-imputati, talli fil-Mile End u Spencer Hill, li niti tal-Ħamrun, u bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, fit-28 ta' April 1958, kienu jiffurmaw parti minn rewwixta ta' tlieta minn nies jew aktar miġmugħa, u baqgħu flimkien b'mod tali u taħt ċirkustanzitali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies jew mod ieħor li seta' jġib twerwir u biża' fost is-sudditi tar-Reġina, u talli ttantaw

li jeżegwixxu l-ħsieb tagħhom komuni, u talli ħadu parti attiva f'ġemgħa ta' għaxra minn nies jew aktar, miġbura bil-ħsieb li jagħmlu reat, liema reat fil-fatt sar;

Rat l-att tal-Attorney General tat-13 ta' Mejju 1958, li bih dawn l-attijiet ġew mibgħuta lura lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabiex l-istess tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet, barra kull ċirkustanza oħra, u dan taħt dak li hemm maħsub fl-art. 79(1) (2) tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice no. 337 tal-1949, u fl-art. 68(2) (3) tal-Kodiċi Kriminali b'riferenza għall-art. 353(1) (b), 352(m), u 352(b)) tal-Kodiċi Kriminali, u fil-Government Notice nru. 337 tal-1940;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-14 ta' Mejju 1958, li biha sabet lill-imputati Alfred Butigieg, Richard Attard u Guido Zammit, ħatja talli fi Spencer Hill fil-limiti tal-Ħamrun, fit-28 ta' April 1958, kienu jiffurmaw parti minn rewwixta ta' tlieta minn nies jew aktar miġmugħa, u baqgħu flimkien b'mod tali u taħt ċirkustanzi tali ta' vjolenza, theddid, rewwixti, għadd ta' nies jew mod ieħor li seta' jġib twerwir u biża' fost is-sudditi tar-Reġina, u talli ttantaw jeżegwixxu l-ħsieb tagħhom komuni; u kkundannat lil kull wieħed mill-imputati għall-priġunerija għal żmien ta' tliet xhur u nofs kull wieħed;

Rat ir-rikors ta' Alfred Butigieg, Richard Attard u Guido Zammit, li bih appellaw mis-sentenza fuq imsemmija, u talbu li tiġi revokata, u li huma jiġu liberati;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Il-kundanna, li kontra tagħha qegħdin jappellaw l-imputati, hija taħt l-art. 79(1) tal-Kap. 12 Ediz. Riv. Dan l-artikolu jikkontempla d-delitt ta' assemblea illegali;

Mir-"Report on the Proposed Code of Criminal Laws" ta' Jameson jidher li fil-Proġett tal-Kummissjunarji Maltin kienu ġew ommessi dispożizzjonijiet simili. Hu kien qal (paġ. 1, IV) :— "New articles should be introduced under

*the Title relative to offences against the public tranquillity* which shall include offences of a seditious and riotous nature inferior to treason, and yet more criminal than mere breaches of the public peace......" Jameson, għalhekk, ippropona artikoli addizzjonali, kif jidher mill-paġ. 1, XXXVI tar-Rapport tiegħu, fosthom appuntu dan tal-assemblea illegali. Ma hemm ebda dubju li Jameson immodella ruħu, fir-redazzjoni ta' dawn l-artikoli, fuq il-Liġi Ingliża dwar "unlawful assembly, rout and riot". L-artikoli minnu proposti ġew adottati mill-Kunsill tal-Gvern, salvi xi emendi ljevi, mhux rilevanti għas-sustanza tal-imputazzjoni *li ġew* proposti massimament minn Sir Adrian Dingli;

L-Avukat Dr. Giuseppe Falzon, fit-test tiegħu "Annotazioni alle Leggi Criminali", jgħid (paġ. 117-188, comm. art. allura numerati 73, 74 u 75) :— "Per l'intelligenza dei quali (ċjoè dawk l-artikoli, fosthom dak ta' assemblea illegali) basta il fare riferenza ai commentatori delle leggi inglesi, ed in modo speciale al quinto rapporto dei Commissionari; al Burn, nel suo trattato "Justices of the Peace", voce Riot; al Blackstone, Commentaries, 4, *146*; *al Brown* & Hadley, op. ċit. Vol. IV, Cap. X, p. 170; in cui vedonsi con chiarezza indicati gli elementi del reato e la pratica inglese sulla materia; come anche al Bishop, Comm. Crim. Laws, ecc., ecc.";

S'intendi, għalkemm it-testi ingliżi huma ta' ajjut, wieħed għandu dejjem joqgħod għat-test tal-Liġi Maltija;

Ikkunsidrat;

Fil-każ in ispeċje, id-difiża ma tagħmelx kwistjoni fuq l-elementi tar-reat "ut sic", iżda ssollevat l-eċċezzjoni assorbenti illi l-imputati appellanti ma ħadux sehem fl-assemlea illegali, jew rewwixta, kif trid il-liġi bil-kliem "kull persuna li tkun ħadet sehem fiha", imma kienu biss aċċidentalment preżenti;

Fid-dibattitu quddiem din il-Qorti d-difiża u l-Prosekuzzjoni argumentaw dwar xi prova hi meħtieġa biex jiġu soddisfatti dawk il-kliem tal-liġi. *Fid-diversi testi ndikati* mill-Avukat Falzon fil-bran fuq ċitat, almenu minn dawk li

għadhom jinstabu f'Malta issa li mill-Proġett għadda tant żmien, fosthom il-Bishop, li l-Qorti rriskontrat, u minn testi oħra aktar reċenti, ma tantx jidher li hemm xi norma preċiża dwar daqshekk; u dan għaliex verament, jekk wieħed jirrifletti, isib li "in ultima analisi" l-kwistjoni tirriduċi ruħha għal dak li assennatament jirrilevaw l-awturi Cross u Jones fit-test tagħhom "Introduction to Criminal Law", 1949 edition, p. 253, taħt it-titolu appuntu ta' "Unlawful Assembly", ċjoè:— "All those who participate in the assembly in any way are guilty of the offence and it is a question of fact whether mere presence amounts to participation";

Din il-propożizzjoni, sempliċi u loġika, hija meħuda mis-sentenza Reg. v. Coney (1882), 8 Q.B.D., 534; u din il-Qorti taqbel magħha;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti pponderat fit-tul fuq dan il-każ Hu fatt li t-tliet imputati, li dak inhar kienu ħarġu flimkien, ġew miżmumin mill-Pulizija fi trejqa ħdejn it-Telephone Exchange. il-Marsa, fejn il-folla kienet qegħedha twaddab ġebel lill-Pulizija. L-imputati xehdu, u taw il-versjoni tagħhom biex jispjegaw kif dak il-ħin kienu jinstabu f'dak il-post. Fiċ-ċirkustanzi ta' fatt tal-każ in ispeċje, kif żvolġew ruħhom dak il-ħin, din il-Qorti ma tħossx li tista' teskludi għal kollox dik il-versjoni. Hemm, għalhekk, in konsegwenza, dubju raġjonevoli li għandu jmur favur l-imputati;

Għalhekk, din il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka "quoad appellatum" is-sentenza fuq imsemmija, tiddikjara lit-tliet imputati mhux ħatjin u tordna li jiġu liberati.